**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Kump 21/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs.**

**Andre' Karl Camilleri**

**Melanie Zerafa**

**Annalise Camilleri**

Illum 6 ta' Frar 2020

Il Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra

> Annalise Camilleri ta' 40 sena, bint John Camilleri u Grace nee' Farrugia imwielda Attard, d.t.t. 15/05/1975 u li toqgħod Buttigieg Flats, Flat 3, Triq il-Qbajjar, Żebbuġ – Għawdex

Nru tal-ID: 264175M

Melanie Zerafa ta' 37 sena, bint John Camilleri u Grace nee' Farrugia imwielda Attard, d.t.t. 11/05/1978 u li toqgħod 36, Triq San Pawl Milqi, San Pawl il-Baħar
Nru tal-ID: 265078M

Andre Karl Camilleri ta' 29 sena, iben John u Grace nee' Farrugia imwieled Żabbar, d.t.t. 10/03/1987 u li joqgħod Sayuri, Triq it-Torri Vincenti, Mqabba
Nru tal-ID: 164087M

Frederick Azzopardi ta' 40 sena, iben Emmanuel u Carmena nee' Agius imwieled Attard, d.t.t. 31/12/1975 u li joqgħod 46, Haven Haus, Triq Santa Katerina, Rabat
Nru tal-ID: 152076M

Joseph Micallef ta' 53 sena, iben Joseph u Carmela nee' Calleja imwieled Birkirkara, d.t.t. 09/07/1962 u li joqgħod Triton Mansions, Blokk D, Flat 28, Triq it-Tamar, San Pawl il-Baħar
Nru tal-ID: 444962M

1. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited, talli fis-sit sitwat fi Triq ix-Xagħri tal-Ħarrub, Mosta nhar il-11 ta' Marzu, 2014 għal ħabta

ta' 13.30 a.m. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl'arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajtu l-mewt ta' Konate Modibo u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żmien, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi nqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (1)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żmien, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi bħala klijenti li għalihom qiegħed isir xogħol nqastu li twettqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħkom bħala klijenti u dan ai termini ta' artikolu 6(1) ta' A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).

4. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi

fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tipprovdu u tiżguraw aċċess ta' malajr għall-ewwel għajnuna meta din tkun meħtieġa billi tipprovdi tagħmir u faċilitajiet li jkunu adegwati u adatti fiċ-ċirkostanzi u li jinkludu kaxxa għall-ewwel għajnuna u dan ai termini ta' l-artikoli 4 (1)(2)(3)(4) ta' l-A.L. 11/2002 (S.L. 424.13).

5. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu wkoll li tipprovdu faċilitajiet għall-ewwel għajnuna meta l-impjegati jintbagħtu jaħdmu barra mill-post normali tax-xogħol prinċipali tagħhom u dan ai termini ta' l-artikolu 7 ta' l-A.L. 11/2002 (S.L. 424.13).

6. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tizguraw li taghmir protettiv personali kellu jintuza meta riskji ma setghux jigu evitati jew limitati bizzejjed minn mezzi tekniki ta protezzjoni kolletiva jew minn mizuri jew procedure

ta organizzazzjoni tax-xoghol, jew kif xort'ohra mehtieg mill-artikolu 6(2) ta' l-Att u dan ai termini ta' l-artikolu 4 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)

7. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu li tiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikati fir-regolamenti dwar it-taghmir protettiv personali skond anness II ta' l-Ordni u dan ai termini ta' l-artikolu 5 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

8. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi nqastu li tiżguraw li fejn hemm il-presenża ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti u dan ai termini ta' l-artikolu 6 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

9. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi

fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi nqastu wkoll li tistabilixxu l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjeta' tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u dan ai termini ta' l-artikolu 7 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

10. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu li tiżguraw ukoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżguraw li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġjene għall-utenti differenti u dan ai termini ta' l-artikolu 8 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

11. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu li tiżguraw

li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

12. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu li tiżguraw li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġjenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' bicciet meħtieġa u dan ai termini ta' l-artikolu 10(2) ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

13. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu milli taraw li qabel ħaddiem juza tagħmir protettiv personali tavżawh dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom u dan ai termini ta' l-artikoli 11 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

14. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu ukoll li

tiżguraw li jigi kkonsultat ir-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurta' tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21).

15. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu inqastu milli tipprovdu apparat sanitarju xieraq, u biżżejjed, li jkun f'positjiet aċċesibbli faċilment, liema apparat u l-kmamar li kien fihom dak l-apparat ma kienux mizmumz kif imiss u nodfa, u dan bi ksur ta' l-artikolu 27 (1) (a) ta l-A.L. 44 ta' l-2002 (S.L. 424.15).

16. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess lok, żmien, jew fix-xhur ta' qabel u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu, inqastu li tieħdu l-miżuri neċessarji sabiex waqgħat mill-għoli ikunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Inqastu wkoll li tiżguraw li x-xogħol fl-għoli jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-użu ta' tali

apparat ma jkunx possibli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintużaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurta'. Inqastu wkoll li tiżguraw li poġġamani ta' protezzjoni jitpoġġew madwar trombi u turġien u dan ai termini ta' Reg. 5 ta'l-Iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).

17. Akkużati Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri waħedkom fil-kapaċita' tagħkom personali kif ukoll bħala diretturi fil-kumpanija Dove Trading Company Limited, kif ukoll Melanie Zerafa bħala direttur ta' S&S Bathrooms Limited talli fl-istess żminijiet, jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi inqastu li tiżguraw li s-sit tal-kostruzzjoni jinżamm tajjeb u fi stat ta' ndafa sodisfaċenti u dan ai termini ta' l-artikolu 7 (a) ta' l-A.L. 281/2004 (S.L. 424.29).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi.[1]

Rat li fl-udejenza tas-17 ta' Ottubru 2019 li l-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti[2].

Rat id-dokumenti ipprezentati mill-Prosekuzzjoni: (i) certifikat tat-twelid tal-imputati, (ii) fedina penali ta' l-imputati, Dok FF2, (iii) process verbal, u (iv) r-rapport tal-incident.

[1] Folio 175 ta' l-atti processwali
[2] Folio 179 ta' l-atti processwali

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol ddikjarat fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Ottubru 2019[3] illi in vista li Giovanni Camilleri, illum mejjet u li l-involviment tieghu kien aktar intiz ghall-ewwel akkuza, qed tirtira l-ewwel akkuza fil-konfront tal-imputati Andre' Karl Camilleri, Annalise Camilleri u Melanie Zerafa.

Rat illi d-difiza in vista tal-fatt li giet irtirata l-ewwel akkuza, qeda tirregistra ammissjoni inkondizzjonata ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-akkuzi numru tnejn (2) sa numru sbatax (17) u dan fil-konfront ta' Andre' Karl Camilleri biss.

Rat illi l-Qorti wissiet lill-imputat Andre' Karl Camilleri, bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, senghat lill-imputat itteni li huwa hati tal-imputazzjoniet minn numru tnejn (2) sa numru sbatax (17) migjuba kontrih.

Rat illi prosekuzzjoni u l-Awtorita' ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-post tax-xoghol in vista tal-ammissjoni mill-imputat Andre' Karl Camilleri tat-tieni imputazzjoni sas-sbataxx il-imputazzjoni, ser tirtira l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputati Annalise Camilleri u Melanie Zerafa.

Semghet ix-xhieda

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

[3] Folio 179-180 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi nhar il-11 ta' Marzu 2014 ghal-habta ta' 12.44hrs l-Ghassa tal-Mosta ircevew telefonata li kien waqa persuna minn sit ta' kostruzzjoni gewwa Dove Trading, Triq il-Pont, Mosta. Meta l-pulizija marru fuq is-sit in kwistjoni instab persuna mixhut ma' l-art li kien gie ccertifikat mejjet mit-tabib Dr. Jonathan Joslin MD Reg No. 1920. Sussegwentement kienet infethet inkjesta mill-Magistrat tal-ghassa.

**Ikkunsidrat**

Illi b'amissjoni inkondizzjonata ta' l-imputat Andre' Karl Camilleri ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 din il-Qorti ma jifdlilhiex triq ohra hlief li ssibu hati tar-reat addebitat lilu u ser tghaddi sabiex tippronunzja s-sentenza fil-konfront tieghu.

Il-Qorti semghet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet inkluz ir-rakkomandazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-piena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, l-artikolu 6(1)(2) ta' l-Att 27/2000 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 6(1) ta' l-Avviz Legali 281/2004 (L.S. 424.29), ir-regolament 4(1)(2)(3)(4) ta' l-Avviz Legali 11/2002 (L.S. 424.13), ir-regolament 7 ta' L-Avviz Legali 11/2002 (L.S. 424.13), regolament 4 ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 5 ta' l-

Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 6 ta' L-Avviz Legali 121/03 (S.L. 424.21), regolament 7 ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 8 ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 10(1) ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regloament 10(2) ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 11 ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 17 ta' l-Avviz Legali 121/03 (L.S. 424.21), regolament 27(1)(a) ta' l-Avviz Legali 44 ta' l-2002 (L.S. 424.15), Regolament 5 ta' l-Iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) ta' l-Avviz Legali 281/2004 (L.S. 424.29), regolament 7(a) ta' l-Avviz Legali 281/2004 (L.S. 424.29) fuq ammissjoni ta' l-imputat Andre Karl Camilleri issibu **hati** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tikkundannah ghal piena kumplessiva ta' ghaxart elef Euro (€10,000) multa.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel imputazzjoni fil-konfront ta' Andre' Karl Camilleri u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront ta' Annalise Camilleri u Melanie Zerafa stante li gew irtirati.

**Moghtija illum is-6 ta' Frar 2019 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**